# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' Tlieta 6 ta' Frar 2024**

**Talba nru. 286/2022**

**ANTHONY S.CHETCUTI**
**(KI 271260M)**

*VERSUS*

**CHARLES BRINCAT ET**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba pprezentat fid-19 t'Ottubru 2022 l-attur talab sabiex dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti ihallasu l-ammont ta' erbgha mija u tlieta u tmenin Ewro u hamsin centezmu (Eur 483.50) konsistenti fis-somma ta' Eur 395.00 f'danni ikkagunati u Eur 88.50 spejjez tal-perit imhallsa mill-attur. Bl-Ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuti Brincat fit-23 ta' Novembru 2022 fejn ecceppew illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante illi l-hsarat li garrab l-attur huma kagun ta' l-istess attur u ghaldaqstant mhux attribwibbli lill-konvenuti.

Ra il-korrezzjoni tal-15 ta' Dicembru 2022, fejn ir-risposta tal-konvenuti Brincat kienet qed tkopri wkoll lill-konvenuti kollha.

Sema x-xhieda;

Ra d-dokumenti;

Sema d-difensuri tal-partijiet;

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi qabel dan it-Tribunal jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, huwa sejer jghaddi sabiex jaghmel sintezi tal-provi migjuba.

Illi l-attur Anthony Chetcuti xehed fil-31 ta' Jannar 2023, fejn jghid illi l-propjeta tieghu u tal-konvenuti tmiss ma' xulxien u huma girien. Ighid illi l-konvenuti Brincat kienu gabu xi haddiema biex jaghmlu maintenance fil-blokka ta' l-appartamenti li kien jikkonsisti f'tibjid ta' l-appoggi. Il-konvenuti Brincat kienu kellmu lil-attur fuq ix-xogholijiet u anke kienu ftehmu li jaghmlu xi plastic fil-bitha ta' l-attur. Fl-14 ta' Gunju kien sema hoss u meta kien mar jiccekkja kien sab illi l-vegetable climber li kellu mal-hajt ta' l-appogg li tifred il-bitha interna ta' bejn il-partijiet kienet waqghet.

L-attur ikompli jghid illi "*il-vegetable climber kienet kellha bicciet minna li kienu kobru u kienu ghelbu wkoll ghal ghandu*." Taht din is-sigra, l-attur kellu wkoll kannizzata fejn qabel kien ixeblek dielja u din cediet bil-piz tas-sigra li waqghet. Meta ra dan kollu, l-attur mar ihabbat lill-konvenuti Brincat u qallu li l-creeper kienet kollha isfel u li kienet faqghet il-kannizzata. Il-konvenut kien wiegeb lill-attur illi din il-creeper kienet waqghet mhux b'xi azzjoni taghhom. L-attur kien informal ill-konvenuti Brincat illi kien garrab spejjez u kien kellem lill-perit Attard sabiex ihejji rapport fuq il-hsarat. L-attur ikkonferma illi l-creeper nehhiha izda l-kannizzata ghadu ma rrangahiex.

Gie ipprezentat rapport tal-perit Joseph Attard li jinsab a fol.30. Il-perit jelenka illi t-twaqqiegh tal-creeper qalghet 2 pajpijiet u ghamlet hsara lill-kannizzata. Fir-rapport jikkonkludi illi l-attur irid jonfoq Eur 395.00 sabiex jirranga l-hsarat.

Il-konvenut Charles Brincat xehed permezz ta' affidavit fejn ighid illi fil-genb tal-blokka fejn ighixu hemm gardina li tappartjeni lill-attur. Kien gie deciz mis-sidien ta' l-appartamenti illi jsir xoghol ta' manutenzjoni fil-hajt ta' l-appogg liema hajt "*jigi fuq il-gardina tas-Sur Chetcuti*". (Fol.39)

Meta l-konvenut Brincat kien kellem lill-attur dwar ix-xogholijiet kienu ftehmu sahansitra anke sabiex il-creeper li kienet telghet madwar tlett sulari u nofs u bdiet ixxebblek ghal fuq il-bitha tal-konvenuti tinzabar mill-konvenuti waqt ix-xogholijiet stess.

Il-konvenut ighid, "*Fil-fatt meta kienu gew il-hadiema dawn ghattew is-sigar kif talabna s-sur Chetcuti u ndew jaqtghu werqa werqa b'attenzjoni kbira minhabba li kull pala jew weerqa ghandha hafna xewk. Meta l-haddiema qattghu l-parti li kienet fil-bitha interna tieghi u qabdu ser jibdew jaqtghu dak li kien hemm fil-parti li tigi ghal gol-bitha interna tieghi, din il-pjanta f'daqqa wahda waqghet ghal isfel u f'daqqa wahda nisma lis-Sur Chetcuti jghajjat u jidghi*."

Il-konvenut Brincat ighid illi l-kannizzata waqghet izda din hija maghmula minn pipes qodma ta' l-ilma li jiena kelli fl-appartament tieghu qabel ma bdilt is-sistema ta' l-ilma u li kont tajtom lill-attur fuq talba tieghu meta l-konvenut kien qed ibiddel il-pajpijiet. Ikompli jghid illi l-creeper regghet telghet mal-hajt u li din minnha nfisha tikkrea hsarat fil-hajt ta' l-appogg.

Xehed ukoll Joseph Gatt permezz ta' affidavit, li joqghod fl-appartament numru wiehed, u li qal illi matul sena 2021 kienu saru xi xogholijiet fil-fond tal-konvenuti. Huwa jghid illi "*wahda mill-problemi li kellna kienet li hafna weraq bix-xewk li kienu gejjin minn sigra f sit li huwa adjacenti ghall-blokka taghna*." Ikompli jghid illi minhabba illi huwa joqghod fl-appatament ta' isfel, il-

weraq li bdew jinqatghu mill-haddiema bdew jaqghu fil-bitha tieghu. Huwa personalment kien imbad mela hames xkejjer weraq li kienu jniggzu.

Il-konvenut Charles Brincat xehed in kontro ezami nhar it-30 ta' Mejju 2023 qal illi l-pjanti u sigar li kienu gew mghottija ma kienux jinkludu din li waqghet. Il-konvenut insista illi hu u martu kienu infurmaw lill-attur bix-xogholijiet u sahansitra infurmawh li *"l-pjanta diehla fil-bitha taghna, ghedtlu ha jkolli naqtaghha biex inkun nista inbajjad tahtha. U hu qalli mexxi qalli mexxi. . ."* Il-konvenut jghid illi ma kienx speifika l-gurnata meta kienu ser jibdew ix-xogholijiet.

Joseph Gatt xehed in kontro exami fis-6 ta' Lulju 2023, illi jghid illi kien jara s-sigra isserrah mal-hajt ta' l-appogg. (Fol. 62).

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza tittratta danni li allegatament gew ikkagunati lill-attur, wara li l-konvenuti ghamlu xogholijiet fil-hajt ta' l-appogg. Illi dawn id-danni principalment gew allegatament ikkagunati wara li waqghet sigra (creeper) li kienet telghet mal-hajt ta' l-appogg u li bdiet ixxebblek ghal gol-bitha tal-konvenuti.

Illi l-ammont mitlub mill-attur jammonta ghal Eur 483.50 li jirraprezentaw danni a bazi ta' rapport imhejji mill-Perit Joseph Attard. L-attur jargumenta illi li kieku l-konvenuti ma ghamlux ix-xogholijiet, din is-sigra ma kienetx taqa u ghaldaqstant ma kienetx issir il-hsara.

Illi dwar il-fatti ma hemm l-ebda kontestazzjoni izda l-partijiet, kif mistenni qed jattribbwixxu r-responsabbilta ta' l-akkadut lil xulxin.

Illi mhux kontestat lanqas illi dinil-creeper kienet kibret tant, illi bdiet ixxebblek u tinzel lejn il-bitha interna tal-konvenuti u ghaldaqstant sabiex il-konvenuti jesegwixxu x-xogholijiet taghhom, ma kienx hemm triq ohra hlief li din tinzabar. Fil-fatt l-attur ighid illi huwa kien ta l-kunsens tieghu sabiex l-konvenuti jizbru din is-sigra.

Illi d-danni sofferti mill-attur huma ibbazati fuq stima li ghamel ir-rapport li kieku kellha tigi irrangata l-kannizzata u l-pajpijiet (Fol.3).

Illi hija l-fehma ta' dan it-Tribunal illi ma hemmx dubju illi l-hsarat li garrab l-attur huma rizultat tax-xogholijiet li saru mill-konvenuti. Minkejja illi din is-sigra kellha tinzabar minhabba x-xogholijiet, dan it-Tribunal ma jistax jattribwixxi r-responabbilta lill-attur talli ma rabatx is-sigra sew. Min-naha l ohra, il-konvenuti ma kienx ghalfejn ikollhom imissu s-sigra ta' l-attur, kemm-il darba din ma kienetx qed taffettwa u tinzel fil-bitha tal-konvenuti Li kieku ma kienx ghal dan il-fatt, il-konvenuti kienu jaghmlu x-xogholijiet minghajr ma jmissu din is-sigra.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal jemmen illi r-responsabbilta ghal dan l-incident gejja min-naha taz-zewg partijiet: - l-attur ghaliex ma hax hsieb li jizbor is-sigra qabel din tibda taffettwa lill-konvenuti filwaqt li dawn ta' l-ahhar kellhom juzaw iktar kawtela waqt ix-xoghilijiet sabiex anke kemm-il darba din is-sigra taqa, ma taghmilx hsara lill-attur. Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal jemmen illi l-attur ghandu jithallas ghar-rapport tal-perit, ghall-ispejjez tal-materjal u ghal gurnata xoghol a bazi ta' l-istima tal-perit li jwassal ghall-ammont ta' Eur 275.00

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' mitejn hamsa u sebghin Ewro (Eur 275.00) u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ammont ta' Eur 275.00 bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mil-lum u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu b'mod ugwali.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur